MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 75/2005

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Awwissu 1997 u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Kelsey E fis-6 ta’ Mejju 1998; li l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, peress li “l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-attrici ta’ abbandun, adulterju, sevizzi, minacci, eccessi, theddid u ngurji gravi”; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex: [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut; [2] taffida lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla

minorenni Kelsey E b' dak id-dritt ta' access favur l-istess konvenut bil-modalitajiet ta' zmien u lok kif jigi lilu prefissat minn din l-Onorabbli Qorti; [3] tillikwida s-somma dovuta mill-kovenut bhala manteniment lill-attrici u lit-tifla minorenni Kelsey E, [4] tikkundEa lill-konvenut ihallas dak il-manteniment ghall-attrici u ghat-tifla minorenni Kelsey E, hekk kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti; [5] tordna illi l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti tigi xolta, diviza, likwidata, u assenjata lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti kif ikun xieraq skont il-ligi; [6] tordna l-eskluzjoni ta' l-istess konvenut mill-uzu u tgawdija tad-dar matrimonjali stante li l-genituri tal-attrici huma proprjetarji esklussivi u assoluti ta' l-istess dar matrimonjali; [7] tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha jew parti minnhom sa fejn applikabbli tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li l-attrici hija hatja fil-konfront tal-konvenut ta' adulterju, sevizzi, minacci, eccessi, theddid u ngurji gravi;  li l-attrici tahdem u mhijiex intitolata ghal manteniment;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Awwissu 1997, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Kelsy E fis-6 ta' Mejju 1998. Inizjalment, ghall-ewwel ftit granet il-partijiet marru jghixu fil-villeggjatura tal-genituri tal-konvenut, filwaqt li sussegwentement huma marru jghixu fid-dar tal-genituri ta' l-attrici, sakemm telqu jghixu ghal rashom fid-dar konjugali f' Settembru 2000.  Ghal habta ta' Gunju 2003 beda l-inkwiet serju bejn il-partijiet, bir-rizultat li

eventwalment l-attrici, flimkien mat-tifla, kienet bdiet tmur torqod ghand il-genituri taghha. Eventwalment fis-17 ta' Ottubru 2004, l-attrici rritornat lura fid-dar matrimonjali, u ostakolat lill-konvenut milli jibqa' jidhol hemm, u allura kien mar jghix band' ohra

*Verzoni Attrici*

L-attrici tilmenta li mill-bidu taz-zwieg "Konna dejjem niggieldu fuq il-flus, u ghax qatt ma kien ikun id-dar, ghax jien kont tal-fehema li jekk dan m' ghandux flus ma kellux ghalfejn joqghod isiefer jew jilghab il-karti. C ma kienx jahdem u kien ikollu hafna hin free [izda] xorta ma kienx iqattgha hin, la mieghi u lanqas mat-tifla."[1]

Hija tispjega li wara z-zwieg hi kienet baqghet tahdem, u kienet waqfet ghal ftit biss wara li kienet twieldet it-tifla. Tghid li sakemm kienet tkun ghax-xoghol it-tifla kienet tiehu hsiebha ommha. Minn naha tieghu l-konvenut qatt ma kien jghatiha flus, u l-oneru finanzjarju tal-familja kien kollu fuqha, u hi kienet tkampa bl-ghajnuna finanzjarja tal-familja taghha; u filwaqt li huma kienu joqghodu u jieklu ghand il-genituri taghha, il-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn.

Illi l-inkwiet matrimonjali serju beda ghal habta' ta' Gunju 2002 meta l-attrici bdiet tissuspsetta li l-konvenut kien qed ikun infidl, partikolarment meta kien jisiefer ma' shabu, l-inkwiet kompla anke f' Awwissu ta' l-istess sena, minhabba telefonati li kienu jsiru u anke kartolina amoruza li rceva l-konvenut mill-Bulgarija. Meta l-attrici kienet tikkonfronta lill-konvenut fir-rigward, huwa kien jirreagixxi billi "kien dejjem jibda jghajjat u jkisser."[2] L-inkwiet kompla meta f' Gunju 2003 il-konvenut kien mar ir-Rumanija.

L-attrici tispjega li "konna nghixu fl-istess dar, u bil-kemm konna nitkellmu, bejn ghax kien idum barra, u bejn ghax meta kien ikun id-dar dejjem rieqed. Jien kont niddejjaq id-dar wahdi, u kont naqsam it-triq u mmur ghand ommi

---

[1] Vol.1 – fol.294
[2] Ibid. fol.295

bit-tifla."[3] Eventwalment kienet tibqa' torqod ghand ommha bit-tifla, filwaqt li tghid li "Bqajt nohodlu t-tifla biex jaraha sakemm lanqas biss baqa' jersaq lejn id-dar hlief biex jorqod u jitlaq kmieni filghodu ghax-xoghol."[4]

Fil-frattemp issemmi okkazzjonijiet fis-sajf tas-sena 2004 meta l-attrici, u familjari taghha, u raw lill-konvenut fil-kumpanija ta' mara ohra. Sadanittant ukoll hi bdiet tinduna li bdew neqsin xi affarijiet mid-dar matrimonjali. L-attrici tispjega li "Jien u t-tifla ma stajniex inkompli sejrin hekk, sitt xhur norqdu fuq sufan ghand ommi, u C taparsi jorqod fid-dar li tappartjeni lill-missieri"[5]. Ghalhekk fis-17 ta' Ottubru 2004 hi, flimkien mat-tifla, regghu marru joqghodu fid-dar matrimonjali, filwaqt li mpediet lill-konvenut milli jerga' jidhol, stante "li hu ghandu fejn imur jorqod."[6] Hi tghid li l-konvenut kien mar joqghod ghand il-habiba tieghu Monique Antoinette Abela. F' okkazzjonijet sussegwenti kienet regghet ratu fil-kumpanija ta' din il-mara.

L-attrici tikkonferma li f' Novembru 2004 hi bdiet relazzjoni extra-matrimojali stabbli ma' Donald B, u li jghixu fid-dar konjugali.[7] Hija tichad li din ir-relazzjoni kienet bdiet matul il-konvivenza matrimonjali. Dwar l-allegazzjoni li l-attrici kecciet lill-konvenut mid-dar, hija tispjega li "qabel ma nfridna l-konvenut kien jaghzel li gieli jorqod barra inkluz f' hotels. Kien jorqod darbtejn il-Jerma Palace Hotel u drabi fi flat Wied iz-Zurrieq."

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jghid li "l-mara telqitni biex tibda hbiberija ma' Donald B".[8] u jghid li r-relazzjoni tieghu ma' Monique bdiet "zgur" wara s-separazzjoni de facto, u "wara li l-mara tieghi kienet tiltaqa' ma' haddiehor."

Il-konvenut jispjega li l-inkwiet matrimonjali beda meta l-attrici kienet bdiet tqatta' hafna hin ticcetja fuq l-internet.

[3] Ibid. Fol.296
[4] Ibid. Fol.297
[5] Ibid. Fol.299
[6] Ibid. Fol.299
[7] Kontro-ezami - 11.2.2009 – u 2.3.2009 [ fols. 227 sa 232]
[8] Vol.1 Fol.262

Kienet iddum sat-3.00 am u “ghalhekk qatt ma konna norqdu flimkien.”[9]

Minghajr ma jghati time-frame, il-konvenut jghid li darba kien segwiha u kien raha fil-kumpanija ta’ Donald B. Jghid li l-attrici maz-zmien bdiet turi bruda fil-konfront tieghu u “bdiet lanqas trid ikollha x’ taqsam mieghi”, tant li kien ihossu strangier go daru. “Darba minnhom ghalqitli l-bieb ta’ barra, u anke biddlitli s-serratura.”, poggietlu l-hwejjeg go garbage bags u hadithom quddiem il-bieb ta’ ommu.

Lilu sakkritu barra, filwaqt li hu kien beda jorqod ghand ommu. Eventwalment kienet bdiet iddahhal lil Donald B fid-dar matrimonjali. Kien f’ dawn ic-cirkostanzi, li darba minnhom iltaqa’ ma’ Monique, li f’ dak iz-zmien kienet fil-process tas-separazzjoni, u eventalment dahal f’ relazzjoni maghha, u li minnha ghandu wild.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti hi tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni dettaljata tal-fatti kif moghtija mill-attrici, stante li din tinsab korroborata fid-diversi aspetti taghha minn xhieda, kif ukoll tenut kont tal-fatt li fil-maggjor parti taghhom, l-allegazzjonijet maghmula fil-konfront tal-konvenut ma gewx kontraddetti.

Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u taqbel ukoll mal-konkluzjoni tieghu li l-mod kif gab ruhu l-konvenut mal-attrici matul il-konvivenza matrimonjali, l-attitudini tieghu fil-konfront taghha, in-nuqqas ta’ rispett, x-xehha tieghu, u l-insensittivita’ tieghu lejn il-bzonnijiet, anke finanzjarji, lejn martu u bintu, il-hbiberiji tieghu ma’ terzi u l-allontamenti perijodici tieghu, kumuluttivament irrendew l-konvivenza konjugali nsapportabbli ghall-attrici, u ghalhekk jikkostitwixxu ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16.

Inoltre, jirrizulta provat ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti, li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut dahal f’ relazzjoni matrimonjali ma’ mara ohra; u ghalhekk gie

[9] Ibid. Fol.261

provat fil-konfront tieghu l-adulterju fit-termini ta’ l-artikolu 38 tal-Kap.16

Il-Qorti tosserva li dawn il-fatturi huma l-kawza principali ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg, u li ghalhekk it-tort principali ghas-separazzjoni personali jirrisjedi fuq il-konvenut. Minn naha l-ohra jirrizulta li, wara li l-konvenut allontana ruhu mid-dar konjugali, l-attrici dahlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali stabbli ma’ ragel iehor; u ghalhekk anke hi ghandha ggorr parti mill-htija, ghalkemm sussidjarjament.

Il-komportament taz-zewg partijiet; is-sevizzi u l-adulterjru minn naha tal-konvenut, u l-adulterju sussegwenti minn naha ta’ l-attrici, jattiraw l-applikazzjoni fl-intier taghhom ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha, primarjament u fi grad ta’ zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u sekondarjament u fi grad ta’ terz [1/3] mill-attrici.

**Kura u Kustodja**

Illi l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-pika ezistenti bejn il-partijiet, hija tal-fehema li ma jkunx fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun kongunta bejn iz-zewg genituri; u, tenut kont li t-tifla li llum ghandha circa 14-il sena dejjem ghexet ma’ ommha, huwa fl-interess tal-minuri, din ghandha tibqa’ fil-kura u kustodja ta’ l-attrici esklussivament, bid-dritt ta’ access favur il-missier kull nhar ta’ Tlieta mill-17.00 pm sal-20.00 pm, u kull nhar ta’ Sibt mill-12.00 pm sas-17.00 pm

**Manteniment**

Illi rigward il-manteniment tal-minuri l-Qorti, tenut kont tal-introjtu tal-partijiet, u l-bzonnijiet tal-minuri li llum ghandha certu eta’, tikkomputa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifla fl-ammont ta’ mitejn u hamsin ewro [€250] fix-xahar, u li jinkludi fih spejjez edukattivi, u dawk medici li jkunu ta’ natura ordinarja, filwaqt li spejjez medici ohra jkunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali

bejniethom. Dan l-ammont jizdied kull sena skond l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

Il-manteniment jieqaf hekk kif il-minuri taghlaq it-tmintax-il sena, jew tlieta u ghoxrin sena, jekk tkun full-time student, kemm-il darba din ma jkollhiex impieg full-time b' introjtu regolari u adegwat.

**Dar Matrimonjali**
Illi mill-provi jirrizulta li d-dar 'Meadow Lark' Demello Street, Zurrieq nbniet mill-konvenut fuq l-art ta' missier l-attrici, bl-intiza li din l-art tigi eventwalment trasferita f' isem l-attrici; izda dan it-trasferiment qatt ma sar, b' mod li allura l-art baqghet tghajjat lill-missier l-attrici, ghalkemm l-attrici baqghet, u ghadha tghix f' din id-dar.

Minn naha tieghu jirrizulta li l-konvenut ghandu kreditu parafernali ghall-ispejjez li ghamel fil-kostruzzjoni tal-binja, li gew komputati fl-ammont ta' disa u erbghin, erba' mija u tmienja u sittin elf ewro u disghin centemzu [€49,468.90], liema ammont ma giex kontestat.

Ghaldaqstant f' dan ir-rigward il-Qorti, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16, tawtorizza lill-attrici fl-imsemmi fond tghix ad eskluzjoni tal-konvenut, vita natural durante; filwaqt li tordna lill-istess attrici thallas lill-konvenut l-imsemmija somma ta' €49,468.90.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fl-assi attiv u passiv, kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafu 14, u l-Qorti taqbel ma' l-assenjazzjoni kif indikata fil-paragrafu 15 ta' l-istess relazzjoni, fil-pagni numri 59 sa 62, li kopja taghhom qed tigi Eessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici A][10]; u tordna li l-assi jigu assenjati kif hemm indikat.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

---

[10] Fols.560 sa563

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut, u dik sekondarja ta’ l-attrici;
[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ‘Kura u Kustodja’;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Mantenimnet’;
[4] tilqa’ r-raba talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’ u tichadha ghall-kumplament;
[5] tilqa’ il-hames talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[6] tilqa’ is-sitt talba limitatament fis-sens li tawtorizza lill-attrici tabita fil-fond ‘Meadow Lark’ Demello Street, Zurrieq, vita natual durante, ad eskluzjoni tal-konvenut;
[7] tilqa’ is-seba’ talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-kap.16

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ zewg terzi [2/3] in kwantu ghall-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------